VALLETTA
*Città Umilissima*

# KUNSILL LOKALI
# L-BELT VALLETTA

# IL-PJAN TA' ĦIDMA
# 2020-2022

**Il-Pjan ta' Ħidma**

**2019-2021**

Il-Werrej


| | |
|---|---|
| **L-Introduzzjoni u Analiżi tas-Sitwazzjoni** | **1** |
| **Id-Dikjarazzjoni tal-Missjoni u l-Valuri** | **2** |
| **Għanijiet, Riżultati Mistennija u Strateġiji** | **2-5** |
| **Analiżi tal-ħidma tal-Kunsill** | **6** |

1.0 **Introduzzjoni u Analiżi tas-Sitwazzjoni**

Fis-snin li ġejjin, il-Belt Valletta ser tiffaċċja sfidi ġodda u kontinwi, bħal kumplament ta' Malta, l-Ewropa u Dinja kollha, fejn kontra kull previst nistgħu niġu milquta' minn dan il-fenomenu mondjali tal-virus tal-COVID-19 . Dan il-virus, jekk jolqot il-gżejjer Maltin jaf ikollu riperkussjonijiet serji, kemm fill-mod kif ngħixu kif ukoll fl-ekonomija globali. Fid-dawl ta' dan kollu aħna irridu inkunu konxji li jista' jagħti il-każ li ser nibdew il-ħidma tagħna bi ftit żvantaġġ meta ikkomparat ma' snin ta' qabel, fejn forsi ir-ritmu u zona ta' komfort jidher li ser ikunu xi ftit imxekkla. Dan hu l-mument fejn irridu inkunu aktar b'saħħitna u nsaħħu il-valuri soċjali, reliġjużi u kulturali, fejn issa ser insibu sfidi ġodda, fosthom li ser ikollna aktar nies vulnerabbli fill-komunità tagħna, kif ukoll jidher li ser ikollna tnaqqis fl-ekonomija b'mod speċjali minħabba ta' nuqqas ta' turiżmu.

Minkejja dan kollu irridu inħarsu il-quddiem u fis-snin li ġejjin ser ikollna ukoll avvenimenti importanti, hekk kif seħħ tul l-istorja glorjuża tal-Belt Valletta fejn fost l-oħrajn fis-sena 2021 ser inkunu qed niċċelebraw l-455 mit-twaqqif ta' din l-istess Belt, fejn qed inħejju ċelebrazzjonijiet kbar, f-din l-istess sena ser inkunu qed niċċelebraw iċ-ċentinarju il-kbir tal-Patrijarka San Duminku, wieħed mill-padruni tal-Belt Valletta fejn uliedu il-Patrijiet Dumnikani ilhom jassistu lill-komunità' Beltija sa mill-bidu nett tal-kostruzzjoni u twaqqif ta l-istess Belt. B'rikonoxximent ta' dan aħna ser inkunu qegħdin nipparteċipaw fl-attivitajiet li ser iseħħu hekk kif il-Kunsill Lokali dejjem għamel ma' kull entità Beltija.

Fis sena 2022 ser inkunu qed nfakkru l-450 sena mill-mewt tal Papa San Piju V O.P. benefattur ewlieni u ko-fundatur tal-Belt Valletta. F'dawn is-snin li ġejjin quddiemna ser inkunu qed nagħtu prijorità lil qalb u ruħ ta' din il-Belt, li huma ir-residenti tagħha. Il-prijorità tagħna bħala Kunsill, hi li nirrestawraw ir-ruħ ħajja ta' din il-Belt u min jgħammar fiha u mhux biss restawr tal-ġebla materjali.

Is-soċjetà moderna qed tara ukoll tibdil drastiku u kontinwu, hekk ukoll kull żona urbana qed tgħaddi minn dan it-tibdil kontinwu. Il-Belt Valletta, bħal kull belt urbana, ukoll qed tgħaddi min dan it-tibdil. Din l-istess Belt fis-snin li ġejjin trid tkun ippreparata sew għal tibdil u aspirazzjonijiet li is-soċjetà' Maltija qed tara li jkollha fil-futur ġejjieni.

Bħala Kunsill irridu nieħdu azzjoni u inizjattivi ġodda biex il-futur u l-aspirazzjonijiet tal-Belt Valletta jintlaħqu bl-aħjar mod possibbli, iridu naraw x'impatt il-preżent fil-qasam kemm tal-bini u arkitettura, kummerċjali, urban, kif ukoll dak ekonomiku u soċjali ser ikollu fuq il-futur tal-Belt Valletta.

Għalhekk biex niżguraw li il-futur tal-Belt tagħna jkun ta' suċċess, qegħdin iniedu pjan ta' ħidma għat-tlitt snin li ġejjin. Dan huwa importanti kemm għar-residenti tagħna, għaliex dawn se jiġu affettwati bi kbir minħabba il-progress kontinwu li qed isir. Irridu niżguraw li r-residenti igawdu min dan il-progress urban u mhux ikun ta' rigress. Allura irridu niżguraw li nkomplu ntejbu l-għixien tagħhom. Apparti minn hekk, irridu ukoll niżguraw li l-viżitaturi tal-Belt Valletta ikollhom esperjenza mill-aqwa meta jiġu jżuru il-Kapitali.

B'hekk, aħna nikkommettu ruħna li nużaw il-fondi mgħoddija lilna mill-Gvern sabiex inkomplu ntejbu l-infrastruttura tal-lokal tagħna. Inħeġġu wkoll entitajiet oħra sabiex huma wkoll jagħmlu l-parti tagħhom. Hemm bżonn li nirrealizzaw li din hija l-Belt Kapitali u għalhekk, m'huwiex aċċettabbli li tiġi meqjusha bħal kull lokalita' oħra. Flimkien mal-Gvern Ċentrali ser inkunu qedgħin niżguraw li l-kwalità tal-ħajja tar-residenti tagħna tkompli tiżdied speċjalment ta' dawk l-aktar vulnerabbli, fosthom it-tfal, l-anzjani u dawk il-membri tal-komunità' li għaddejjin minn mumenti diffiċli, fosthom il-morda tagħna. Irridu naħdmu id f'id ma' l-għaqdiet tal-lokal għaliex nemmnu li huma is-sinsla tal-komunità tagħna, u

jekk insaħħu lilhom, inkunu qed insaħħu l-Identità Beltija. Hemm bżonn ukoll li nixprunaw attivitajiet aktar ta' kwalità sabiex inkomplu ngħollu l-isem tal-Belt għażiża tagħna, fejn niskopru it-talenti ta’ l-Artisti Beltin, fejn il-Belt tagħna minn dejjem kienet il-benniena ewlenija ta’ Arti u Kultura fill-Gżejjer tagħna.

Il-Kunsill Lokali tal-Belt Valletta ser jibqa’ kommess li jkun il-Kunsill mudell fejn tidhol kreattività u innovazzjonijiet fejn ser inkunu qed napplikaw u nisfruttaw kull skema li tinħareġ mill-Gvern Ċentrali kif ukoll għal-fondi Ewropej biex b’hekk jirnexxielna inġibu aktar fondi minn dak allokat fil-*budget finanzjarju* ta’ kull sena. Se nkunu proattivi sabiex nilħqu il-miri tagħna. Ovvjament, is-suċċess ta' dan il-pjan ser jiddependi minn kemm ser jgħinna il-Gvern Ċentrali, mhux biss mill-aspett ta’ allokazzjoni ta’ fondi, iżda minn proġetti li jagħmel l-istess Gvern.

*Alfred Zammit*
*Sindku tal-Belt Valletta.*

## 2.1 **Dikjarazzjoni tal-Missjoni**

Biex insiru l-Kunsill mudell f’Malta, hekk kif jixraq li jkun il-kunsill li jirrappreżenta il-Belt Kapitali ta’ Pajjiżna, irridu li bl-iżvilupp kontinwu tagħna, inkunu proattivi biżżejjed biex nilħqu l-kunċetti ta’ Gvern Lokali, billi nilqgħu bl-aħjar mod għall-bżonnijiet taċ-ċittadini kollha tal-Belt Valletta waqt li nagħmlu enfasi kontinwa fuq l-eċċellenza fix-xogħol u amministrazzjoni innovattiva tar-riżorsi finanzjarji tagħna li tkun utilizzata skond evalwazzjoni ta’ effiċjenza, effettivita u ekonomika f’kull ma’ nagħmlu.

## 2.2 **Valuri**

Il-valuri li jħaddan il-Kunsill Lokali Valletta huma:

- Li nsibu l-massimu tal-benefiċċji lill-komunità’ tagħna kollha kemm hi, irridu insibu bilanċ bejn il-komunità’ residenzjali, kummerċjali u dik li tiġi iżżur il-Belt tagħna. Dan għandu jsir fid-dawl waqt li nirrispettaw il-bżonnijiet tal-individwu w t’oqsma speċifiċi fil-lokalita’ tagħna w naraw li jinħoloq bilanċ ġust li jkun benefiċjarju għal kulħadd.

- Rispett lejn l-opinjonijiet u twemmin taċ-ċittadini kollha tal-komunità’ tagħna, billi qed nitkellmu fuq il-Belt Kapitali dejjem qed nersqu li l-Belt tagħna qed tieħu dimensjoni ta’ metropoli, fejn aktar nies ta’ kultura u reliġjonijiet differenti qed jgħixu ġol-Belt.

- Insostnu l-impenn soċjali tagħna fil-komunità’, b’mod speċjali lejn dawk l-aktar vulnerabbli.

- L-amministrazzjoni ġusta u fil-miftuħ tax-xogħol tal-Kunsill, fejn tirrenja trasparenza u kontabilita’ assoluta.

- Eċċellenza f’dak kollu li nagħmlu u fis-servizzi li nirċievu u nagħtu.

## 3.1 **Għanijiet u riżultati mistennija**

INTRODUZZJONI:

Il-Belt Valletta hi lokalita' li matul dawn l-aħħar snin rat stabbilita' fin-numru ta' popolazzjoni tagħha li taqbeż 'il 5000 persuna, però rat żieda ta' nies li jżuru l-istess Belt għan-numru ta' madwar 40,000 persuna kuljum. Għaldaqstant, mill-Kunsill Lokali tagħna, il-komunità Beltija tistenna pjan li jħares il-quddiem lejn titjib kontinwu fl-oqsma kollha.

DIKJARAZZJONI:

Il-Kunsill Lokali tal-Belt iwiegħed li jagħmel dak kollu possibbli biex għat-tlitt snin li ġejjin:

- Joffri tmexxija serja, ġusta, u li fl-ebda mument ma tasal sabiex toħloq defiċit finanzjarju.
- Ma jagħmel l-ebda forma ta' taxxa lokali/ apparti dawk koncessi lilu f' bye-laws approvati mill Gvern Centrali.
- Ikattar l-impenn tiegħu sabiex iżomm il-kuntatt mill-qrib u kontinwu mal-Beltin, sabiex jiżdied is-sens reċiproku ta' fiduċja bejn il-Kunsill u r-residenti, kif ukoll biex ir-residenti iħossuhom parteċipi fl-operat tal-Kunsill li fuq kollox qiegħed hemm biex iservi l-istess residenti.

### 3.1.1 **PJAN SOĊJALI GĦALL-KOMUNITA' BELTIJA.**

- Pjan għall-anzjani fejn, l-akbar prijorità' għanda tkun il-ftuħ ta' Dar għal-Anzjani fil-Belt Valletta, liema proġett ser isir mal-Gvern Ċentrali.
- Jitkompla is-servizz ta' Active Aging, liema servizz jintegra aktar lill-anzjani tagħna fil-komunità' moderna.
- Tinfetaħ klinika attrezzata u berġa fil-binja tal-Kunsill Lokali.
- Titkompla tingħata it-tilqima kontra l-influwenza.
- Attivitajiet u ħarġiet soċjo-edukattivi.
- Kif ukoll inkattru u ntejbu is-servizz ta' trasport b'xejn li l-Kunsill qed joffri lill-anzjani Beltin, min kull dar u residenza fl-istess Belt, servizz uniku u bla ħlas fil-gżejjer Maltin.

### 3.1.2 EDUKAZZJONI

- Isir taħriġ akkademiku post-sekondarja għal nies li telqu mill-iskola qabel is-sittax-il sena.
- Jiżdiedu il-korsijiet tal-kompjuter għal kull età, li qed isiru fuq bażi regolari bla ħlas.
- Skola Sajf b'differenza għat-tfal tal-Belt.
- Jiġu introdotti sports ġodda bħal E-Sports u indoor games oħra biex ħadd ma jkun emarġinat fis-soċjetà u nagħtu alternattiva fejn kulħadd jista' jkun parteċipi f'attivita fiżika oltre mill-futbol.
- *Homework Club*, fejn it-tfal jinġabru flimkien ma' professjonisti biex jagħmlu l-*homework*.

### 3.1.3 AMBJENT

- Fondi għal inizjattivi fl-Ambjent
- Jiżdiedu postijiet ta' rikreazzjoni u belvedere fuq in-naħa tal-port il-kbir biswit il-monument tal-Qanpiena, belvedere fuq is-Sur ta Santa Barbara, bandli u playing field in-naħa tal- Baviera, kif ukoll tisbieħ taz-zona ta' l-iskola primarja fejn issir pjazza biswit l-Evans buildings.
- Upgrading tal-Ġonna ta' Hastings.
- Tisbiħ tax-xtajta biswit il-baħar fejn kemm ir-residenti u Turisti jirrikrejaw ruħhom fil-perjodu tas-sajf, dawn għandhom ikollhom faċilitajiet bażiċi bħal mobile/public toilets, public showers, kif ukoll sun shelters.
- Kampanja edukattiva dwar l-iskart li jiġi iġġenerat ġewwa il-Belt, kif ukoll serje ta' *Clean Up* days.

Il-Kunsill ikun impenjat sabiex ikompli jtejjeb l-ambjent f' kull żona tal-Belt kemm f'dawk li huma ġonna, żoni pubbliċi, u bi programm ta' tindif adegwat għall-eżiġenzi tar-residenti u n-nies li jżuru il-Belt.

### 3.1.4 TOROQ u BANKINI

Isir *resurfacing* ta' toroq li huma perikolużi għas-sewwieqa, fosthom Triq l-Ifran, Triq Zekka, Triq- il-Lvant kif ukoll jitkomplew numru sostanzjali ta' bankini madwar il-Belt kollha l-aktar fiż-żoni Residenzjali., fejn wara li saru dawk ta triq l-Ifran imiss issa li jitkomplew it-tlett fażijiet l-oħra fuq firxa ta'tlett snin.

Issa li t-toroq ġew taħt ir-responsabbiltà' tal-Gvern Ċentrali, il-Kunsill irid ikun kontinwament impenjat sabiex il-Gvern Ċentrali jwettaq il-parti tiegħu billi jifforma toroq ġodda, biex itaffi ftit mil-problema ta' traffiku fil-Belt Valletta, kif ukoll il-Kunsill Lokali ma jaċċettax li l-Gvern Ċentrali jibqa' passiv u jonqos milli jagħmel diversi xogħlijiet ġewwa il-Belt, fosthom diversi toroq li qegħdin fi stat ħażin. Il-Kunsill ser jibqa' jinsisti mal-Gvern Ċentrali sabiex jagħmel it-tarmak f'toroq arterjali fil-Belt.

3.1.5 **PROGETTI KAPITALI**

Il-pjan tal-Kunsill hu li jsir C*ar Park*(parkeġġ) f'Bieb il-Belt (magħruf bħala il-*Yellow Garage*). Dan għandu jsir flimkien ma' settur privat u entitajiet oħra kummerċjali, biex itaffi ftit mil-problema ta' parkeġġ.

Il-Kunsill Lokali ser jimpenja ruħu biex isiru *Day Centre* għall-anzjani, postijiet ta' rikreazzjoni għat-tfal, kif ukoll post fejn jiltaqgħu l-għaqdiet tal-Belt, fil-binja il-ġdida tal-Kunsill Lokali, kif ukoll Gymnasium għar residenti Beltin u public conveniences ġodda fosthom waħda għat-tfal.

3.1.6 **SISTEMA TAT-TRAFFIKU**

Aktar tabelli tat-traffiku, *parking bays* ġodda, *zebra crossings u dwal adegwat, parking sensors* u *traffic calmers*.

Pjan ta' sistema ġdida ta' traffiku fir-ring road tal-belt Valletta fejn titnaqqas il-konġestjoni, iżid l-influss ta-traffiku, tħares in-nies li jimxu fit-toroq kif ukoll iżżid il-parkeġġ fill-Belt Valletta.
L-ewwel fażi ta' dan il-proġett ser tidhol fis-seħħ għal Marzu/April 2020 fi triq il-Mediterran fiz-zona ta Dar Il-Mediterran għal-Konferenzi.

3.1.7 **PROGETTI MILL-UNJONI EWROPEA**

Tkompli ssir ħidma sabiex jiġu intensifikati l-kuntatti ma' organizzazzjonijiet oħra f'pajjiżi Ewropej u bil-għan li jkompli jitwettqu proġetti ta' skambji, hekk kif sar kull sena għal dawn l-aħħar 10 snin.

**Tkattir tal-kultura lokali**

Dan isir billi:

1. Norganizzaw taħditiet fuq l-istorja tal-Belt tagħna.
2. Ħarġiet kulturali għal postijiet ta' nteress fil-Belt għall-istudenti u żgħażagħ Beltin.
3. Niskopru l-ħiliet u t-talenti artistiċi lokali u nippromovuhom, kif ukoll isir mużew permanenti li jippromovi dawn it-talenti fil-binja tal-Kunsill jew f-diversi spazji li joffru l-għaqdiet stess.
4. Tingħata kull għajnuna possibbli biex l-għaqdiet u soċjetajiet Beltin jibbenefikaw minn fondi tal-UE u dawk tal-Gvern Ċentrali, kif ukoll fondi disponibbli għall-NGO'S.

3.1.11 **ASSISTENZA W INFORMAZZJONI LIĊ-ĊITTADIN**

Il-Kunsill Lokali jibqa' ukoll impenjat sabiex ikompli jtejjeb il-kwalità ta' servizzi, inklużi dawk ta' l-*Internet*, mill-Uffiċċju Amministrattiv għall-bżonnijiet taċ-ċittadini.

Inkomplu insaħħu is-servizz tal-freephone.

Kif sar tul dawn l-aħħar snin, il-kunsill ser ikompli jipproduċi *leaflet* ta' informazzjoni meta jkun il-bżonn, dan jintbagħat bil-posta f'kull residenza ġol-Belt, biex permezz t'hekk ir-resident ikun dejjem aġġornat.

Ikompli l-impenn tagħna biex intejbu il-media soċjali permezz ta' sit elettroniku, paġna tal-Facebook, kif ukoll Instagram tal-kunsill biex nilħqu kemm jista' jkun settur u età' tas-soċjetà'.

3.1.12 **GĦAQDIET KOMUNITARJI**

Impenn ieħor tal-Kunsill jkun indirizzat lejn il-ħolqien ta' kuntatt bejn l-għaqdiet kollha tal-Belt, bil-ħsieb uniku li jservi ta' xprun għall-inizjattivi komuni li jistgħu jittieħdu kollettivament favur il-ħtiġijiet tal-komunità' kollha.

Titkompla l-inizjattiva u l-proġett pilota tal-kumitat ta' l-4 festi tal-Belt u tiġi addattata l-istess sistema għall-għaqdiet oħra fi ħdan il-Belt, fejn il-festi Beltin qed jaħdmu flimkien għall-ġid komuni ta' kull festa fil-lokalita' u b'hekk niżguraw li dan il-ġid jinqasam b'mod ugwali, kif ukoll niżguraw li l-identità Beltija tkompli tissaħħaħ.

3.1.13 **STRATEĠIJI**

Il-Kunsill iddiskuta fit-tul l-istrateġiji li se jaddotta biex jiżgura li jwettaq l-oġġettivi u l-*policies* tiegħu. Dawn l-istrateġiji huma maħsuba li joħolqu ftuħ għall-opportunitajiet ġodda u li jevitaw sitwazzjonijiet li jistgħu jheddu s-suċċess tagħna.

L-istrateġiji mis-sena 2020 sa 2022 huma hekk:

- Niżviluppaw relazzjonijiet ta' xogħol ma' Kunsilli tar-reġjun u fornituri ta' servizzi biex nakkwistaw l-aħjar servizzi possibbli bl-inqas prezz, u naddottaw prinċipji ta' entitajiet privati.

- Ninkoraġġixxu kommunikazzjoni, rispett u *teamwork.*

- Nużaw l-aktar metodi moderni ta' *management.*

- Ninvolvu lir-residenti u lin-negozjanti fil-komunità' fl-iffinanzjar ta' proġetti kapitali u soċjali biex jinħoloq żvilupp sostenibbli għall-benefiċċju globali u għal żmien fit-tul tal-lokalita' tagħna.

- Isir *Valletta Business Network* fejn il-komunità' kummerċjali fil-belt, b'mod speċjali lukandiera u ristoranti jikkontribwixxi għall-manutenzjoni u tisbieħ ta' l-istess Belt b'mod finanzjarju, kif ukoll ikunu jistgħu jiġu sostnuti attivitajiet għall-komunità.

## 4.0 **Organizzazzjoni (Jannar – Lulju 2019)**



**Organizzazzjoni (Lulju 2019 - )**

L-organizzazzjoni tal-Kunsill hi magħmula hekk:



Għalkemm din l-istruttura tippermetti li l-Kunsill iwettaq bi prattiċita' l-ħidma tiegħu, irid ikun rikonoxxut li għandha ssib l-aħjar bejn l-istruttura organizzattiva fis-settur privat u dik fis-settur pubbliku. Ir-rwoli ta' dawk involuti għandu dejjem ikun definit u Għalkemm din l-istruttura tippermetti li l-Kunsill iwettaq bi prattiċita' l-ħidma tiegħu, irid ikun rikonoxxut li għandha ssib l-aħjar bejn l-istruttura organizzattiva fis-settur privat u dik fis-settur pubbliku. Ir-rwoli ta' dawk involuti għandu dejjem ikun definit u miftiehem, fejn is-Sindku u il-Kunsillieri bħala *policy makers* jmexxu l-pjan ta' ħidma tagħhom, filwaqt li l-amministraturi jeżegwixxu l-*policies* bl-aħjar mod possibbli.

Fil-globalita tagħha, l-organizzazzjoni trid tkun aspirata minn rieda ta' ħidma kollettiva, b'assigurazzjoni fix-xogħol ta' kuljum li jitwettaq minn kull membru li jinsab fiha. L-objettivi jridu jkunu mibnija fuq żewġ sisien prinċipali - l-aħjar valur għall-flus f'dak kollu li jitwettaq u biex b'ekonomija, effiċjenza u effettivita' jkollha l-aħjar paragun ta' kost possibbli. L-istruttura mħaddna fuq dawn il-kunċetti għandha wkoll tiggarantixxi *feedback* kontinwu f'kull settur inkluż il-klijent, li fil-każ ta' gvern lokali mhu ħadd għajr iċ-ċittadin.

**Gabriella Agius**

**Segretarju Eżekuttiv**
**Jannar, 2020**